

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B** IR-REGOLAMENT (KE) Nru 450/2003 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-27 ta' Frar 2003

dwar l-indiċi tal-ispiża tax-xogħol

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 69, 13.3.2003, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <b><u>M1</u></b>	Regolament Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006	L 393	1	30.12.2006
► <b><u>M2</u></b>	Regolament (KE) Nru 596/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009	L 188	14	18.7.2009



**IR-REGOLAMENT (KE) Nru 450/2003 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tas-27 ta' Frar 2003**

**dwar l-indiċi tal-ispiża tax-xogħol**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 285(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew <sup>(2)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew <sup>(3)</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura preskritta f'Artikolu 251 tat-Trattat <sup>(4)</sup>,

Billi:

- (1) Firxa ta' statiska, li tagħha l-indiċijiet tal-ispiża tax-xogħol jiffurmaw parti essenzjali, hija relevanti biex wieħed jifhem il-proċess inflazzjonarju u d-dinamika tas-suq tax-xogħol.
- (2) Il-Komunità, u b'mod partikolari l-awtoritajiet tagħha ekonomiċi, ta' l-impiegi u dawk monetarji, għandhom il-ħtieġa li jkollhom indiċijiet tal-ispiża tax-xogħol regolari u fil-ħin għall-għan li jissorveljaw il-bidliet fl-ispejjeż tax-xogħol.
- (3) Il-ħtiġiet statistiċi għall-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Unjoni Ekonomika u Monetarja, magħmul mill-Kummissjoni Ewropea (Eurostat) b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Bank Ċentrali Ewropew, identifika bħala prijorità l-iżvilupp ta' bażi legali li jkopri l-istatiska dwar l-ispiża tax-xogħol f'terminu qasir ta' żmien.
- (4) Il-benefiċċji tal-ġbir, fil-livell tal-Komunità ta' *data* kompleta fuq il-partijiet kollha ta' l-ekonomija għandhom ikunu bilanċjati kontra il-possibiltajiet ta' rapportar u l-piż biex tar-risposti fuq intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).
- (5) Ir-Regolament huwa skond il-prinċipji tas-sussidjarjetà kif stipulati f'Artikolu 5 tat-Trattat. Il-ħolqien ta' *standards* komuni ta' statistika għall-indiċijiet tal-ispiża tax-xogħol jista' jinkiseb biss fuq il-bażi ta' att legali tal-Komunità għaliex il-Kummissjoni biss tista tikkordina l-armonizzazzjoni meħtieġa ta' informazzjoni statistika fil-livell tal-Komunità, waqt li l-ġbir ta' *data* u l-kompi-lazzjoni ta' indiċijiet komparabbli tal-ispiża tax-xogħol jistgħu jiġu organizzati mill-Istati Membri.
- (6) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 tas-17 ta' Frar 1997 dwar statistika tal-Komunità <sup>(5)</sup> jipprovdi l-qafas ġenerali għall-produzzjoni ta' l-indiċijiet tal-ispiża tax-xogħol taħt dan ir-Regolament.
- (7) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tippreskrivi l-proċeduri

<sup>(1)</sup> ĠU Ċ 304 E, tat-30.10.2001, p. 184.

<sup>(2)</sup> ĠU Ċ 48, tal-21.2.2002, p. 107.

<sup>(3)</sup> ĠU Ċ 295, ta' l-20.10.2001, p. 5.

<sup>(4)</sup> Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Frar 2002 (ĠU Ċ 293 E, tat-28.11.2002, p. 20), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 (ĠU Ċ 269 E, tal-5.11.2002, p. 10) u Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Diċembru 2002 (għada mhux publikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(5)</sup> ĠU L 52, tat-22.2.1997, p. 1.

**▼ B**

għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni <sup>(1)</sup>.

- (8) Il-Kumitat tal-Programm Statistiku (SPC), stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom <sup>(2)</sup>, għe konsultat skond Artikolu 3 ta' dik id-Deċiżjoni,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Għan**

L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jistabbilixxi qafas komuni għall-produzzjoni, trasmissjoni u evalwazzjoni ta' indiċijiet komparabbli tal-ispiża tax-xogħol fil-Komunità. L-Istati Membri għandhom jiproduċu indiċijiet tal-ispiża tax-xogħol għall-attivitajiet ekonomiċi definiti f'Artikolu 4.

*Artikolu 2***Definizzjonijiet**

1. L-indiċi tal-ispiża tax-xogħol (LCI) huwa definit bħala l-indiċi Laspeyres dwar l-ispejjeż tax-xogħol għal kull siegħa maħduma, marbut anwalment f'sensiela u bbażat fuq struttura fissa ta' attività ekonomika fil-livell tas-sezzjoni ► **M1** NACE Rev. 2 ◀, fejn ► **M1** NACE Rev. 2 ◀ hija l-klassifikazzjoni stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 tad-9 ta' Ottubru 1990 dwar il-klassifikazzjoni statistika ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea <sup>(3)</sup>. Aktar disaggregazzjonijiet tas-sezzjonijiet tan- ► **M1** NACE Rev. 2 ◀, li għandhom jiġu inklużi fl-istruttura fissa, għandhom ikunu definiti skond Artikolu 4(1). Il-formolali għandha tintuża għall-kalkolazzjoni ta' l-LCI hija definita fl-Anness li jinsab ma' dan ir-Regolament.

2. L-ispejjeż tax-xogħol huma t-total tal-ispejjeż għal kull kwart magħmula minn min iħaddem fl-impjegar ta' l-impjegati. Il-partiti ta' l-izpiza tax-xogħol u l-impjegati total impjegati huma definiti b'referenza għall-Anness II, Taqsimiet A u D (partiti D.1, D.4 u D.5 u s-subkomponenti tagħhom esklużi l-partiti D.2 u D.3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1726/1999 tas-27 ta' Lulju 1999 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 li jikkonċerna statistika strutturali dwar il-qliegħ u l-ispejjeż tax-xogħol fir-rigward tad-definizzjoni u trasmissjoni ta' informazzjoni dwar l-ispejjeż tax-xogħol <sup>(4)</sup>.

3. Is-sigħat maħduma huma definiti b'referenza għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità <sup>(5)</sup>, Anness A, il-Kapitolu 11, il-paragrafi 11.26 sa 11.31.

**▼ M2**

4. Il-Kummissjoni tista' tieħu miżuri sabiex l-ispeċifikazzjoni teknika tal-indiċi u r-reviżjonijiet għall-istruttura tal-piż jiġu ddefiniti mill-ġdid. Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 12(3).

<sup>(1)</sup> ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

<sup>(2)</sup> ĠU L 181, tat-28.6.1989, p. 47.

<sup>(3)</sup> ĠU L 293, ta' 1-24.10.1990, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kommissjoni (KE) Nru 29/2002 (ĠU L 6, ta' 1-10.1.2002, p. 3).

<sup>(4)</sup> ĠU L 203, tat-3.8.1999, p. 28.

<sup>(5)</sup> ĠU L 310, tat-30.11.1996, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Parlament Ewrope u tal-Kunsill (KE) Nru 359/2002 (ĠU L 58, tat-28.2.2002, p. 1).

▼ **M1***Artikolu 3***Ambitu**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-attivitajiet kollha mfissra fit-taqsimiet B sa S tan-NACE Rev. 2.

▼ **M2**

2. L-inklużjoni tal-attivitajiet ekonomiċi ddefiniti fin-NACE Rev. 2 taqsimiet O sa S fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi ddeterminata mill-Kummissjoni, waqt li jingħata kont tal-istudji ta' possibbiltà stipulati fl-Artikolu 10. Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 12(3).

*Artikolu 4***Analiżi dettaljata tal-varjabbli**

1. Id-data għandha tiġi mqasma skont l-attivitajiet ekonomiċi definiti fis-taqsimajiet tan-NACE Rev.2 u b'aktar diżaggregazzjonijiet, definiti mill-Kummissjoni, mhux '1 hinn mil-livell tad-diviżjonijiet tan-NACE Rev.2 (livell b'2 figuri) jew gruppi ta' diviżjonijiet, li jagħtu kont għall-kontribuzzjonijiet ta' okkupazzjoni totali u tal-ispejjeż tax-xogħol fil-livell tal-Komunità u dawk nazzjonali. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 12(3)

Indiċijiet tal-ispiża tax-xogħol għandhom jiġu provduti separatament għat-tliet kategoriji tal-ispiża tax-xogħol identifikati hawn taħt:

- (a) l-ispejjeż totali tax-xogħol;
- (b) pagi u salarji definiti b'referenza għall-partita D.11 fl-Anness II li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 1726/1999;
- (ċ) il-kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem miżjuda b'taxxi mħallsa minn min iħaddem imnaqqa bis-sussidji riċevuti minn min iħaddem, kif definiti bis-somma tal-partiti D.12 u D.4 nieqes D.5 fl-Anness II li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 1726/1999.

2. Indiċi li jistima l-ispejjeż totali tax-xogħol, esklużi bonuses, fejn bonuses huma definiti b'D.11112 fl-Anness II li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 1726/1999, għandu jiġi provdut, imqasma skont l-attività ekonomika definita mill-Kummissjoni, u għandu jkun ibbażat fuq il-klassifikazzjoni NACE Rev.2, waqt li jagħti kont tal-istudji ta' possibbiltà definiti fl-Artikolu 10. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 12(3).

▼ **M1***Artikolu 5***Frekwenza u data b'lura**

1. Id-data għal-LCI għandha l-ewwel tinġabar skond in-NACE Rev. 2 għall-ewwel tliet xhur ta' l-2009, u wara dan għal kull tliet xhur (il-perjodi jittieħdu sal-31 ta' Marzu, it-30 ta' Ġunju, it-30 ta' Settembru u l-31 ta' Diċembru ta' kull sena).

2. Data b'lura mill-ewwel tliet xhur ta' l-2000 sar-raba' perjodu ta' tliet xhur ta' l-2008 għandha ssir disponibbli mill-Istati Membri. Id-data b'lura għandha tiġi provduta għal kull waħda mit-taqsimiet B sa N tan-NACE Rev. u għall-punti ta' l-ispejjeż tax-xogħol msemmija fl-Artikolu 4(1).

▼ **B***Artikolu 6***Trasmissjoni tar-riżultati**

1. Id-*data* msemija f'Artikolu 4 għandha tiġi provduta f' forma ta' indiċi. Il-piżijiet użati għall-kalkolu ta' l-indiċi, definiti fl-Annes li jinsab ma dan ir-Regolament, għandhom jintgħamlu disponibbli għall-pubblikazzjoni fl-istess waqt.

Il-format xieraq tekniku li għandu jintuża għat-trasmissjoni tar-riżultati msemija fl-Artikolu 4, u l-proċeduri ta' aġġustament li għandhom ikunu applikati għad-*data* għandhom ikunu definiti skond il-proċedura msemija f'Artikolu 12(2).

2. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu d-*data*, imqassma kif speċifikat f'Artikolu 4, lill-Kummissjoni (Eurostat) fi żmien 70 jum mit-tmiem tal-perjodu ta' referenza. *Metadata*, definita bħala l-ispejgazzjonijiet meħtieġa biex jiġu interpretati il-bidliet fid-*data* jew li joħorġu mill-bidliet metodoloġiċi jew tekniċi, jew minħabba bidliet fis-suq tax-xogħol, għandha titwassal mad-*data*.

▼ **M1**

3. Id-*data* b'lura msemija fl-Artikolu 5 għandha tkun trażmessa lill-Kummissjoni (Eurostat) fl-istess ħin bħall-LCI għall-ewwel tliet xhur ta' l-2009.

▼ **B***Artikolu 7***Sorsi**

L-Istati Membri jistgħu jipproduċu l-estimi meħtieġa billi jużaw kombinazzjoni tas-sorsi differenti speċifikati hawn taħt billi japplikaw il-prinċipju ta' simplifikazzjoni amministrattiva:

- (a) sħarriġ, fejn unitajiet statistiċi, kif definiti fir-Regolament (KEE) Nru 696/93, huma mitluba li jagħtu informazzjoni fil-ħin, eżatta u kompleta;
- (b) sorsi oħra adattati, inkluża *data* amministrattiva jekk dawn huma attwali u relevanti;
- (c) proċeduri adatti għall-istima statistika.

▼ **M2***Artikolu 8***Kwalità**

1. Id-*data* kurrenti u d-*data* b'lura trażmessa għandha tissodisfa kriterji ta' kwalità li għandhom jiġu ddefiniti mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 12(3).

2. L-Istati membri għandhom jipprovdu rapporti annwali tal-kwalità lill-Kummissjoni, li għandhom jibdeu fl-2003. Il-kontenut tar-rapporti għandu jkun definit mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 12(3).

▼ **B***Artikolu 9***Perjodi transitorji u derogi**

1. Perjodi transitorji li jirrelataw ma' l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament jistgħu jingħataw taħt il-proċedura msemija f'Artikolu 12

**▼ B**

(2), li ma jistendux aktar minn sentejn mid-*data* tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Matul il-perjodi transitorji, derogi minn dan ir-Regolament jistgħu jiġu aċċettati mill-Kummissjoni sal-limitu li s-sistema nazzjonali ta' l-istatistika teħtieġ addattazzjonijiet prinċipali.

*Artikolu 10***Studji ta' possibiltà**

1. Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura msemija f'Artikolu 12(2), tistitwixxi serje ta' studji ta' possibiltà, li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri, b'mod partikolari minn dawk li ma jistgħu jipprovdru d-*data* għan- ► **M1** NACE Rev. 2 ◀ sezzjonijiet L, M, N, u O (Artikolu 3(2)) jew it-tqassim ta' l-indiċi li jistma l-ispejjeż totali smati tax-xogħol, esklużi *bonuses* (Artikolu 4(2)).

2. L-istudji ta' possibiltà għandhom jitwettqu, waqt li jingħata kont tal-benefiċċji tal-ġbir ta' *data* b'relazżjoni man-nefqa tal-ġbir u l-piż fuq in-neġzju, biex jagħmlu stima ta':

- (a) ta' kif l-indiċijiet tal-ispiża tax-xogħol ta' kull kwart definiti f'Artikolu 4(1) jistgħu jinkisbu għan-NACE sezzjonijiet L, M, N u O; u
- (b) kif l-indiċi li istma l-ispejjeż totali tax-xogħol, esklużi l-*bonuses*, definit f' Artikolu 4(2) jista jinkiseb.

3. L-Istati Membri li jwettqu l-istudji ta' possibiltà għandhom jibgħatu rapport interim dwar ir-riżultati tagħhom lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-31 ta' DieImbru 2004. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jibgħatu rapport finali dwar l-istudji ta' possibiltà lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2005.

4. L-istudji ta' possibiltà li jikkonċernaw il-paragrafu 2(a) għandhom jagħtu kont tar-riżultati ta' l-istudji pilota imsemmija fl-Annessi li jinsbu mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 58/97 ta' l-20 ta' Diċembru 1996 li jikkonċerna statistika strutturali tan-negozju <sup>(1)</sup>.

5. Il-miżuri adottati taħt Artikolu 11(h) bis-saħħa tar-riżultati ta' l-istudji ta' possibiltà għandhom jirrispettaw il-prinċipju ta' l-effettività fil-ġestjoni tal-ispejjeż, kif definit f'Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 322/97, inkluż it-tnaqqis tal-piż fuq ir-respondenti.

6. L-implimentazzjoni tal-miżuri adottati taħt Artikolu 11(h) bis-saħħa tar-riżultati ta' l-istudji ta' possibiltà għandhom jagħmlu possibbli t-trasmissjoni ta' *data* sa l-ewwel kwart ta' l-2007, sakemm ir-riżultati ta' l-istudji ta' possibiltà jippermettu għall-produzzjoni effettiva fil-ġestjoni tal-ispejjeż ta' *data* ta' kwalità suffiċjenti.

**▼ M2***Artikolu 11***Miżuri ta' implimentazzjoni**

Il-miżuri għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li ġejjin, inklużi miżuri biex jagħtu kont tal-bidliet ekonomiċi u tekniċi, jiġu adottati mill-Kummissjoni:

- (a) id-definizzjoni, skont l-Artikolu 4(1) tad-diżaggregazzjonijiet li għandhom jiġu inklużi fl-istruttura fissa;
- (b) l-ispeċifikazzjoni teknika tal-indiċi (l-Artikolu 2);
- (ċ) l-inklużjoni tan-NACE Rev.1 taqsimajiet O sa S (l-Artikolu 3);
- (d) it-tqassim tal-indiċijiet skont l-attività ekonomika (l-Artikolu 4);

<sup>(1)</sup> ĠU L 14, tas-17.1.1997, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2056/2002 (ĠU L 317, tal-21.11.2002, p. 1).

▼ **M2**

- (e) il-format għat-trażmissjonijiet tar-riżultati u l-proċeduri ta' aġġustament li għandhom jiġu applikati (l-Artikolu 6);
- (f) il-kriterji separati ta' kwalità għal data kurrenti u ta' lura trażmessa u l-kontenuti tar-rapporti tal-kwalità (l-Artikolu 8);
- (g) il-perjodu tranżitorju (l-Artikolu 9);
- (h) l-istabbiliment ta' studji ta' possibbiltà u d-deċiżjonijiet adottati skont ir-riżultati tagħhom (l-Artikolu 10); u
- (i) il-metodoloġija li għandha tintuża għall-ikkatenar tal-indiċi (Anness).

Il-miżuri msemmija fil-punti e), g) u h) huma adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(2).

Il-miżuri msemmija fil-punti a), b), c), d), f) u i), li huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fil-proċedura stipulata fl-Artikolu 12(3).

*Artikolu 12***Proċedura tal-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna mill-Kumitat tal-Programm Statistiku stabbilit bl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 89/382/KEE, Euratom <sup>(1)</sup>.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.
- Il-perjodu stipulat fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun stabbilit għal tliet xhur.
3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

▼ **B***Artikolu 13***Rapporti**

Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull sentejn. Ir-rapport għandu jevalwa b'mod partikolari l-kwalità tas-serja ta' *data* LCI trasmessa u l-kwalità tad-*data* b'lura trasmessa.

L-ewwel rapport għandu jintbagħat mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru tas-sena li tiġi wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Għandu jirreferi biss għall-azzjonijiet esegwiti mill-Istati Membri biex iħejju l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u hu applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

<sup>(1)</sup> ĠU L 181, 28.6.1989, p. 47.

**▼ B**

## ANNEX

Il-formola li għandha tintuża għall-kalkolazzjoni tal-LCI

1. Iddefinixxi:

$w_i^t$  = spejjeż tax-xogħol għal kull siegħa maħduma ta' impjegati fl-attività ekonomika i fil-perjodu t

$h_i^t$  = sigħat maħduma minn impjegati fl-attività ekonomika i fil-perjodu t

$W_i^j$  =  $w_i^j * h_i^j$  = spejjeż tax-xogħol ta' impjegati fl-attività ekonomika i fil-perjodu annwali j.

2. Il-formola bażika Laspeyres li għandha tintuża għall-kalkolazzjoni ta' l-LCI għall-perjodu t bil-perjodu annwali bażi j hija defnita bħala:

$$LCI_{tj} = \frac{\sum_i w_i^t h_i^j}{\sum_i w_i^j h_i^j} = \frac{\sum_i (w_i^t/w_i^j) w_i^j h_i^j}{\sum_i w_i^j h_i^j} = \frac{\sum_i (w_i^t/w_i^j) W_i^j}{\sum_i W_i^j}$$

**▼ M2**

3. Il-metodoloġija biex indiċi jkun marbut mal-perjodu preċedenti (chaining the index) għandha tkun defnita mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 12(3).

**▼ B**

4. Il-piżijiet użati biex jiġi kalkolat l-indiċi u msemmija f'Artikolu 6(1), huma l-valuri ta':

$$\frac{W_i^j}{\sum_i W_i^j}$$

fejn  $W_i^j$ , i u j huma defniti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Anness. Dawn il-piżijiet għandhom jintużaw għall-kalkolazzjoni ta' l-indiċi fi żmien sentejn mill-perjodu li jirrelataw għalih.